MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 1514/1993/1

**Ivan Bartoli bhala direttur ta', ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Louis Bartoli and Sons Limited u Lino Attard ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta The Clock Studio**

**v.**

**1. John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited sew proprio, kif ukoll bhala agenta ghan-nom tan-Norasia Lines u**

**b'nota tat-8 ta' Frar 1994 Paul Ripard assuma l-atti minflok John Ripard.**
**u**
**2. Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Limited, sew proprio kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company.**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu provvediment dwar il-validita` tas-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2008, u tar-rikors tal-appell ta' Norasia Agencies (Malta) Limited in vista tad-diversi nuqqasijiet u zbalji li jirrizultaw mill-istess atti.

Din il-kawza qed tinstema' kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet **John Bonello noe. v. John Ripard noe.**, citazzjoni numru 302/93, li fiha nghata provvediment fil-kuntest ta' nuqqasijiet simili li mmanifestaw ruhhom ukoll f'dik il-kawza.

Ghalkemm in-nuqqasijiet mhux kollha identici, huma l-istess fejn jolqtu l-kumpanija Norasia Agencies (Malta) Limited u n-Norasia Lines; fl-isem u fir-rapprezentanza tas-socjeta` attrici ma jidhirx li gew senjalati xi nuqqasijiet.

Fil-provvediment li din il-Qorti tat illum stess fil-kawza l-ohra, gie deciz li n-nuqqasijiet fl-atti ma kienux iwasslu ghan-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti u tal-atti sussegwenti, u ghall-istess konsiderazzjonijiet, li din il-Qorti qed tadotta ghall-fini wkoll ta' din id-decizjoni, lanqas sejra tqis nulli l-atti msemmija ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kwistjoni trattata f'din is-sentenza billi tichad l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Novembru, 2008, u tal-atti kollha sussegwenti.

L-ispejjez marbuta ma' din id-decizjoni jithallsu bin-nofs bejn l-Intrapriza ta' Malta u s-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Ltd.

Il-kawza hija differita ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------